# Il-Ħajja ta' San Ġiljan skont P. Martino Mannelli

## *It-Tieni Parti*

***Andrew Borg***
*B.Ed. (Hons.), M.Ed., D.E.A.M.*

*Din hija t-tieni parti tat-traduzzjoni tiegħi ta' dokument li sibt fl-Arkivju tal-Knisja ta' Lapsi, dokument li ħalliehulna b'wirt il-mibki saċerdot tagħna Dun Anton Sciberras, għax fil-fatt il-verżjoni li għandna hija ttajpjata minnu stess u ġġib bħala titlu: 'Vera Copia della Storia di San Giuliano Ospitaliere che si trova nella Chiesa Parrochiale di San Giuliano.' Fl-edizzjoni tas-sena l-oħra ppreżentajna l-ewwel ħames kapitli ta' dan ir-rakkont u konna għalaqna b'San Ġiljan miżżewweġ feliċement f'post imbiegħed minn dar ommu u missieru, jgħix kuntent ma' martu, u b'moħħu mistrieħ li qiegħed biżżejjed bogħod mill-ġenituri tiegħu biex ma tkunx tista' sseħħ il-profezija taċ-ċerv. Il-kapitlu li jmiss jitlaq billi jiffoka fuq il-ġenituri ta' Ġiljan qalbhom maqsuma kif kienu bit-telqien ta' binhom l-għażiż.*

**KAPITLU VI**

Xejn ma seta' jsabbar lill-ġenituri ta' Ġiljan li ma kellhom ebda ħjiel x'sar minn binhom mindu telaqhom, u qalbhom kienet maqsuma bil-ħsieb li setgħu tilfu lil dan il-wild għażiż li għalihom kien l-unika konsolazzjoni. Tkellmu bejniethom kemm-il darba dwar x'kellhom jagħmlu, u wara ħafna taħdit u diskussjonijiet qablu t-tnejn li jitilqu jfittxu lil binhom bit-tama ħelwa li xi darba jsibuh u jiksuh bil-bews filwaqt li jagħfsuh ma' sidirhom. Fil-fatt bla wisq telf ta' żmien hekk għamlu u aġixxew fuq dak li ħasbu li jkun l-aħjar biex jilħqu l-għan tagħhom. U telqu. Għaddew mill-kampanja u mill-belt, terrqu artijiet, irħula, u filwaqt li għamlu dan staqsew 'l hawn u staqsew 'l hinn. Fittxew bir-reqqa; iżda kien kollu ta' xejn.



*Xhieda importanti tal-kult tal-qaddis tagħna tinsab f'Matera f'affresk li nstab fin-navata tal-lemin tal-Katidral wara li sar xi xogħol fuq l-altar ta' San Carlo Borromeo.*

Komplew il-vjaġġ tagħhom, bil-mod u bir-reqqa, u fl-aħħar, kmieni kmieni għodwa waħda, waslu[1] quddiem il-kastell ta' Ġiljan, li dak il-ħin ma kienx hemm. Fetħitilhom sinjura, talbuha l-ospitalità, u hi laqgħethom minnufih bil-karità Kristjana li biha wieħed jilqa' pellegrin.[2] Irrakkontawlha u fissrulha fid-

dettall l-għan tal-vjaġġ tagħhom. Kellmuha b'imħabba u tenerezza kbira dwar it-tifel proprju tagħhom li kien għeb minn ħajjithom. Fi ftit kliem tawha l-bijografija kollha tiegħu u tawha biżżejjed dettalji biex hi, il-mara tal-kastell, setgħet tikkonkludi li dak l-iben mitluf li kienu qed jitkellmu dwaru kien appuntu r-raġel tagħha. Ferħet u ferħitilhom għax kienu waslu fejn tant xtaqu jaslu.[3] Sellmitilhom bl-isem ħelu ta' kunjati tagħha, u wriethom li kienet kuntenta li kienet laqgħethom fid-dar tagħha. M'għandniex xi ngħidu l-akkoljenza li tathom kienet waħda mill-aqwa u mill-aħjar. Wara li tathom ikel tajjeb u anke x'jixorbu, billi setgħet tifhem kemm kienu għajjenin, ippreparatilhom is-sodda taż-żwieġ tagħha stess, u stednithom grazzjożament biex jistrieħu fuqha sa filgħodu. Kien unur għaliha li jaċċettaw jagħmlu dan.

Qaltilhom biex ma jinkwetawx u ma joqogħdu jaħsbu fuq xejn għax hija kienet se tiġi tgħidilhom meta jkun opportun għalihom li jqumu mis-sodda. Awguraw lil xulxin il-lejl it-tajjeb. Is-sinjura tal-kastell qalet it-talb tagħha u ntasbet f'kamra oħra biex tistrieħ. Filgħodu, kmieni ħafna, ħarġet mid-dar biex tmur il-knisja, għax hekk kienet id-drawwa tagħha li tisma' l-quddies kuljum, u ħadet il-ħin tagħha biex tbierek, tfaħħar u tirringrazzja umilment lil Dak li jagħtina dak kollu li hu tajjeb.



*Pittura li tinsab fid-Domus San Giuliano, f'Macerata.*

**KAPITLU VII**

Sadanittant Ġiljan, meta kien lest minn dak li kellu jagħmel, qabad triqtu lejn id-dar proprja tiegħu, kuntent u mimli ħeġġa biex jerġa' jara lill-għażiża mara tiegħu, u flimkien jirritornaw għall-ħajja normali. Iżda ma kellux ikun! O x'kefrija tista' tilbes in-natura umana! Mela fi triqtu jiltaqa' ma' wieħed, li fid-dehra tiegħu kien ġentili u nobbli, li sellimlu bl-ikbar rispett u kortesija, u b'dik l-arja ta' wieħed li kellu moħħu tqil b'biċċa aħbar li kellu jiżvela lil ħaddieħor, talab lil Ġiljan biex jisimgħu.[4] Ġiljan deher lest li jisma' u l-ieħor kompla jitkellem: "Grajja kbira," qallu "se jkolli nħabbarlek, ġrajja li se tweġġgħek ħafna. Iżda l-kuxjenza tiegħi ma tħallinix ma ngħid xejn. Kun af, o sinjur, li fil-kastell tiegħek, u proprju fil-kamra tas-sodda tiegħek seħħ u qed jerġa' jseħħ delitt: is-sieħba tiegħek daħlet raġel ta' isem ħażin, u wara ikla magħmula minn l-aqwa ikel u inbid mill-itjeb, stednitu biex jgħaddi l-lejl magħha fis-sodda taż-żwieġ tagħkom. Qed tara kif din il-mara qed tittradixxi bla mistħija il-fedeltà li wiegħdet lilek, ..." O x'ilsien misħut ta' bniedem bla fidi u xellerat! Intom ma tafux jew ma taħsbux li kalunjaturi bħal dan b'azzjonithom qed jobogħdu lil Alla, u li Alla, ġust u omnipotenti għad jumiljahom fit-trab tal-art, fit-tajn, u fl-iktar abbissi profondi? U int O ħabbar infami forsi - anzi forsi xejn – ippruvajt inti stess ittebba' l-fedeltà u l-onestà ta' dik il-mara miżżewġa twajba, u wara li ġejt rifjutat ġustament minnha, iddeċidejt bla skrupli ta' xejn li tinfexx f'din il-vendetta billi timita lil dawk ix-xjuħ tal-Antik Testment li ażżardaw jimmalafamaw b'ħażen liema bħalu lill-kasta Susanna, mhux biss, iżda aggravaw il-malafama sewda tagħhom billi ħalfu ħażin fuqha! Ftakar iżda li bħalma huma ġabru l-frott qares tal-azzjoni tagħhom permezz tal-mewt, hekk jiġri lilek, jekk ma trattabx qalbek u ssewwi l-ħsara li għamilt lil dawn il-vittmi tal-kalunja tiegħek.[5]

**KAPITLU VIII**

Gravi ħafna u tal-biki kienu l-konsegwenzi ħżiena li segwew dak li għamel dak il-kalunjatur bla morali u impertinenti, għaliex għalkemm Ġiljan kellu biżżejjed provi tal-fidi u l-onestà li dejjem urietu martu, minħabba l-asserzjonijiet jaħarqu tal-fariżew brikkun nibtu ġewwa fih id-dubbju, imbagħad kiber is-suspett, u fl-aħħar rikbu u invadih id-demonju tal-għira, li ħabbtu bi kbir, tant li qamet fih maltempata straordinarja ta' emozzjonijiet, li ġabet magħha bidla fil-fehma tiegħu u qajmet fih kilba biex iwettaq vendikazzjoni gravissima ġaladarba jsib li seħħ dak li webblu bih dak it-tali. Moħħu mimli b'dawn il-ħsibijiet koroh, ħalla lil dak ir-raġel ħażin, ħaffef il-pass, u f'qasir żmien wasal il-kastell. Fetaħ il-bieb beraħ u daħal. Kullimkien kien fi dlam u fis-skiet. Tela' fuq u baqa' sejjer dritt għall-kamra tiegħu. B'qalbu tħabbat sitta sitta daħal inkiss inkiss fil-kamra tas-sodda, u waqaf jissemma': il-ħoss kien ta' xi ħadd li kien rieqed. Qorob lejn is-sodda u kważi kien ċert b'dak li ra. Imma mar jiftaħ it-tieqa biex jara sew... jerġa' jħares lejn is-sodda. Issa ma kienx baqa' dubbju, kienu tnejn: l-adulteri. O! Min jista' jsib kliem biex jesprimi x'ħass Ġiljan dak il-ħin? Ġera lejn l-armerija u minn hemm ġab xabla, ħariġha mil-lant tagħha, għolla drieghu b'saħħtu, u b'kemm kellu saħħa niżżel ix-xabla darba darbtejn biex ħasad iż-żewġt irjus infeliċi. O xi storja tremenda! Min jaf kemm-il darba ħasbu fuq il-mewt li xi darba għad tmisshom, biex issa kellha ssibhom fl-irqad.[6]

Jiena naħseb li l-qarrej qiegħed jiskanta u ma jistax jifhem kif bniedem li sa ftit ilu kien sod u qawwi kontra kull tentazzjoni, jista' jinbidel f'tebqa t'għajn biex isir f'daqqa waħda feroċi u vendikattiv. Ċertament hemm kull raġuni biex wieħed jiskanta u jimtela' bil-għaġeb. Iżda min-naħa l-oħra kull qarrej għaref u twajjeb, jekk jagħmel ftit ħin jirrifletti, ma jiskantax iżjed daqshekk, speċjalment jekk jifhem x'passjoni terribbli setgħet ħakmet lill-qalb ta' Ġiljan. Biżżejjed din l-imbierka għira biex bniedem tajjeb, onest, fidil u ġeluż għall-unur tiegħu jispiċċa f'dan l-istat orribbli. Jekk l-għira tinbet anke fejn m'hemmx imħabba vera, u ġieli anke fuq sempliċi suspett, aħseb u ara kemm irvillat aktar fil-qalb u fir-ruħ ta' dan ir-raġel miżżewweġ mitluf fl-imħabba għal martu, hekk kif ġie avvelenat bl-ilsien ħażin ta' dak il-kalunjatur, aktar u aktar imbagħad meta ra b'għajnejh dak li ddeskrivilu l-mingħul. Hija iebsa wisq għal raġel galantom li jisfa tradut, iktar u iktar meta jaqbad huwa stess fl-azzjoni lil dawk li ttradewh. Ma jistax ikun li ma jħossx, raġel bħal dan, li għandu jieħu l-ġustizzja b'idejh u jivvendika ruħu minn din l-inġurja. Dan mhux sewwa, sintendi, u mhux legalment korrett, billi jeżistu qrati u tribunal biex wieħed jirrikorri lejhom f'każi bħal dawn. Iżda anke dawn ġie li kellhom każi quddiemhom fejn iċ-ċirkostanzi li jippreċedu u li jwasslu għad-delitt ikunu tali li saħansitra jkun skużat l-awtur tiegħu mill-istess tribunal. Issa min jista' ma jarax kemm kienu straordinarji u imponenti ċ-ċirkustanzi li fihom sab ruħu Ġiljan u li minħabba fihom mingħajr ma kien jaf spiċċa parriċida?

**KAPITLU IX**

Ġiljan ma kienx jaf x'se jaqbad jagħmel bih innifsu. B'nifsu maqtugħ, anzjuż għall-aħħar, u kważi mitluf minn sensih bir-rabja, ħareġ mill-kamra, niżel it-taraġ sitta sitta, u ħareġ barra għall-arja aperta, u beda jippassiġġa fit-triq ta' quddiem il-kastell mitluf fi ħsibijiet koroh li issa kienu ħakmuh sew. Beda jħares 'l hemm u 'l hawn, bħal kien qed jibża' li jiltaqa' ma' xi ħadd, u fil-fatt mill-bogħod jara ġejja waħda mara, sinjura minn ilbiesha, li

kienet riesqa lejh b'pass meqjus u dinjituż. Bilkemm ma bediex jagħrafha, mix-xeħta tagħha kien jafha x'imkien żgur. Jieqaf ħesrem, jimmira l-attenzjoni tiegħu fuqha, iħares lejha ċċassat, u miblugħ jgħajjat: "Dik marti!" Jibbies, ma jiċċaqlaqx minn fejn kien, bil-kemm irid jemmen dak li kien qed jara b'għajnejh. Iżda l-mara tkompli tersaq lejh, tmur dritt għal fuqu ferħana li qed tarah, u ssellimlu affettwożament, dehret ferħana wisq li kienet qed terġa' tarah lura magħha. Il-ħarsa t'għajnejha ddewbu u ġib fih bidla. Jistaqsiha mistoqsija delikata. Ma tweġbux, mhux għax ma riditx imma ma kinitx taf minn fejn se tibda. Imbagħad jagħmel sforz u jistaqsiha b'aktar mod ċar min kienu dawk it-tnejn fis-sodda tażżwieġ tagħhom. Il-mara twajba tiegħu tirrakkontalu l-istorja kollha bl-inġenwità tal-innoċenza tagħha u tassigurah li dawk il-barranin f'kamarthom ma kinux għajr il-ġenituri tiegħu, li hi stess kienet tathom is-sodda tagħhom b'kumpliment u b'unur speċjali. "Ejja għażiż tiegħi," ikkonkludiet il-mara tiegħu, "ejja ħalli tgħannaq miegħek lill-maħbubin ġenituri tiegħek u tgawdi minn din il-konsolazzjoni mhux mistennija li fil-kobor bla qies ta' tjubitu għoġbu jibgħatlek il-Mulej tagħna.



*Pittura attribwita lil Franciabigio li turi lil San Ġiljan jiltaqa' ma' martu wara li kkommetta d-delitt doppju.*

**KAPITLU X**

Milqut u mriegħed Ġiljan bħallikieku ntlaqat minn sajjetta fil-bnazzi, jgħajjat għajta li tkessaħ; imbagħad iħossu ħażin, u jaqa' gozz fl-art f'riġlejn il-mara tiegħu. Din, inkwetata u sorpriża b'dik ir-reazzjoni, tagħmel kull sforz u tipprova kull mezz biex issabbru, iġġibu f'sensih u tipprova tifhem x'kien il-kaġun ta' turbament daqstant kbir.

Tinfexx tibki din il-mara qalbha maqsuma filwaqt li turi b'affezzjoni akbar l-imħabba tagħha lejh; iċċaqalqu, itaptaplu bil-mod b'idha, isejjaħlu ripetutament, tfesfislu f'widnejh kliem ta' fiduċja u ta' paċi, tfittex li ttennilu l-isbaħ kliem ta' sentiment mill-aktar qawwi mnebbħa mill-imħabba u mill-pietà, u tfakkru li għal kull għelt hemm rimedju. Ġiljan jistejqer iżda ma jażżardax jgħolli ħarstu lejn martu, u b'vuċi miksura mit-tilfiq kontinwu tiegħu u fgat mill-għoqla ta' dulur li kien qed ikiddu, jesklama: "O miżerabbli jien, imdejjaq jien! M'hemmx aktar paċi għalija! ... Jien qtilt ... il-ġenituri tiegħi ... ħsadt il-ħajja lil dawk li lili tawni l-ħajja ... mingħalija kont qed noqtol lilek, għażiża marti mixħuta fis-sodda tagħna mal-maħbub sigriet tiegħek, skont xhieda falza li ksibt minn kalunjatur bla morali."[7]

U hawnhekk l-anqas nista' nibda naħseb niddeskrivi dak li kienu għaddejjin minnu dawn it-tnejn, speċjalment Ġiljan, li jekk sa ftit ilu kien maħkum mid-dimonju tal-għira, issa ma kienx anqas qalbu maqsuma mir-rimors, min-niket, u mill-istess dimonju li issa kien qed jipprova jkaxkru lejn id-disperazzjoni.

Ċertament li dan kien ikun it-tmiem tiegħu li kieku Ġiljan kien xi wieħed li ma jemminx, jew kif insejħulu llum il-ġurnata, ħassieb libertin. Fil-ħajja tal-bniedem, jew kawża ta' xi aċċident frott il-fatt li wieħed ikun qed jara sa mnieħru, jew għax irid il-bniedem innifsu, jew minħabba ħaddieħor, jiġru affarijiet u ġrajjiet (u dan ta' San Ġiljan hu eżempju minnhom) fejn ma jibqax triq tan-nofs: l-għażla għall-bniedem tkun jew li jirrikorri bil-fidi għar-reliġjon, inkella li jintefa' fid-disperazzjoni li tista' twasslek biex tgħix il-kumplament ta' ħajtek indannat jew saħansitra twasslek għas-suwiċidju. Iżda n-Nisrani Kattoliku jaf li d-disperazzjoni mhux biss hija dgħufija ta' ġifa, iżda hija wkoll dnub gravissimu kontra l-Ispirtu s-Santu: għax jemmen li Alla ma jridx il-mewt tal-midneb, iżda jridu jikkonverti u jgħix; jridu jgawdi mill-fidi u wara n-nawfraġju fil-baħar tal-ħtija jesperjenza s-sagrament ammirabbli tal-Qrar; b'hekk jerġa' jidħol fil-mogħdija tas-saħħa, isib sabar fit-tama Kristjana u jerġa' jirbaħ il-paċi u jserraħ il-kuxjenza tiegħu.

Dan it-twemmin indiskuttibbli u ta' sabar kbir kien sod fir-ruħ ta' Ġiljan. Bis-saħħa tiegħu rnexxielu jikkalma l-anzjetà li ħakkmitu, itaffi l-piena tad-dulur u jħoss dik il-ħlewwa li tinsab biss fil-fidi vera, fl-indiema sinċiera, u f'dik il-grazzja ċelesti li ssaffi, issabbar u terġa' tagħti l-ħajja lir-ruħ, filwaqt li ssaħħaħha bir-rassenjazzjoni paċifika li ma tinqata' qatt mill-ħlewwa tal-virtù tat-tama.[8]

Imħeġġeġ minn din il-fidi u megħjun effikaċament mit-twajba martu, huwa sab is-saħħa biex jirritorna fid-dar tiegħu u jagħmel sforz kbir biex jidħol fil-kamra fejn kienu jinsabu l-maqtula. Waqaf iħares lejhom fiss. O x'ferita reġa' fetaħ f'qalbu hekk kif ra quddiemu lil dawk tant għeżież għalih, tant maħbubin; quddiem id-dehra ta' dak id-demm li hu stess kien xerred, ta' dawk l-irjus venerabbli li hu stess kien ħasad fid-dagħdigħa passjonali li ħakmitu! Kemm xerred dmugħ Ġiljan filwaqt li niżel għarkupptejh, radd is-salib u beda jagħti fuq sidru filwaqt li jistqarr: "Maħfra għeżież tiegħi, maħfra għal dan binkom żvinturat! Maħfra O missier tiegħi! Maħfra għażiża ommi, maħfra!" U filwaqt li dawwar għajnejh 'il fuq lejn is-sema, "Mulej," esklama, " Mulej tiegħi u Alla tiegħi, ilqa' fis-sider tal-ħniena kbira Tiegħek l-erwieħ ta' dawn; u lili erġa' rregalali l-grazzja tiegħek, u agħmel li jiena jirnexxieli nitnaddaf permezz tal-penitenza minn dan id-dnub u mill-ħtijiet l-oħra tiegħi kif verament nixtieq nagħmel u hawn inwegħidek solennement. Qed nara li din id-dinja hi mimlija mix-xewk u t-tbatijiet, mill-perikli u tfixkil, u fiha żgur li mhux se nsib il-konsolazzjoni li tista' ttaffili dan id-dulur qares. Inti biss, o Mulej tal-Ħniena, Missier veru tal-orfni, kif sfajt jien issa, kont u tibqa', nittama, is-sostenn tiegħi, id-difiża tiegħi, il-blata tiegħi, kif diġà kont għal David, li kien invokak mimli bil-fidi u kien salvat. U lejk ukoll nirrikorri, Verġni Immakulata Marija; Int li inti r-rifuġju tal-midinbin, il-konsolatriċi tal-miġruba, inti l-ħajja, il-ħlewwa, it-tama tagħna. Mingħandek O Reġina klementi u pija, nitlob biex tkun għalija medjatriċi quddiem l-Iben Divin Tiegħek, u biex tkun għalija omm ħelwa protettriċi u mimlija mħabba."

*Kwadru sabiħ ta' Giovanni del Biondo ddatat madwar 1370-90 b'San Ġiljan jidher qed jaqsam ix-xmara bi xwejjaħ fuq dahru.*



O x'virtù ta' talb ħarġet mill-qalb ta' Ġiljan! Hekk hu, mogħti l-ħajja mill-ġdid mill-fidi, imsabbar mit-tama, u fuq kollox imħeġġeġ mill-karità, issa beda jħossu b'saħħtu biżżejjed biex ikun jista' jġorr il-piż tad-dulur li huwa xtaq u ried jibqa' jissaporti sal-aħħar ġurnata ta' ħajtu; ħassu b'saħħtu biżżejjed biex iwettaq l-uffiċċji funebri mistennija minn iben fil-konfront tal-ġenituri mejtin tiegħu. Sejjaħ lis-saċerdoti u flimkien mal-inseparabbli martu, wasslu liż-żewġ katavri sal-post fejn kellhom jindifnu. Hemmhekk saret id-difna bil-ġieħ kollu mistħoqq, sar it-talb b'suffraġju għal ruħhom bir-reliġjożità funebri solenni li kien jixraq. Fl-aħħar Ġiljan talab lil dawk iż-żewġt erwieħ għeżież biex fil-hena tal-ġenna jiftakru f'binhom, u mingħand Alla tal-Ħniena jiksbulu l-grazzja sabiħa li xi darba huwa wkoll jitla' hemm fuq, biex jerġa' jiltaqa' magħhom, u jgawdi l-ħajja ta' dejjem.[9]

## KAPITLU XI

Imsaħħaħ u mmexxi mill-Ispirtu tal-Mulej ħaseb li jibda jgħix ħajja ta' penitent sabiex ipatti għad-delitt gravi li kien wettaq, biex jivvendika ruħu minn dan id-delitt bl-opri tajba, billi jagħmel lejl u nhar opri ta' ħniena bix-xewqa ħajja u ardenti li jsewwi l-offiża li wettaq fil-konfront tal-Maestà Divina. L-ewwel u qabel kollox mar u nxteħet quddiem il-Missier Spiritwali tiegħu; quddiemu fetaħ beraħ il-kuxjenza tiegħu; stqarr bla tlaqliq kull ħtija li kellu; xerred id-dmugħ tal-indiema sinċiera tiegħu u talab bil-ħniena l-assoluzzjoni sagramentali.

Il-Ministru tal-Qrar, saċerdot twajjeb u prudenti, sabbru bil-fidi, fakkru fid-demm prezzjuż li kien xerred għal kulħadd il-Bniedem-Alla, u fakkru fil-kustat ta' Kristu li minnu ħareġ is-sagrament awgustu tas-salvazzjoni tal-ulied miserabbli kollha ta' Adam, fakkru kif il-Mulej kien wiegħed lil David li Hu ma kien se jiddisprezza qatt il-qalb niedma u umiljata. "Kuraġġ, għalhekk, Ibni," ikkonkluda s-saċerdot, "kuraġġ, indiema, perseveranza u aħseb biss biex terġa' tgħannaq miegħek lill-ġenituri fil-patrija ċelesti bit-tama li ma titlifhom qatt iżjed. Jien nagħtik l-assoluzjoni li bis-saħħa taċ-ċwievet prodiġjużi li Ġesù Kristu għadda lill-Knisja tiegħu, jiena naħfirlek fl-Isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu."

Meħlus kif kien Ġiljan mit-toqol li kien qed ikissru, bħal bniedem li reġa' ħa l-ħajja mill-mewt, intefa' biex iwettaq dak li kien wiegħed b'riżoluzzjoni qaddisa; li jiddedika ruħu kompletament għall-penitenza, u għall-opri tal-ħniena. Iddeċieda li jħalli l-kastell fejn kien jgħix, jinfired minn ma' sħabu, u saħansitra, mingħajr ma ried iweġġagħha, mill-għażiża mara tiegħu. Irrinunzja għal kull ħaġa li kienet tad-dinja biex isir fqir għal Ġesù Kristu, eżiljat volontarju, għajnuna tal-foqra, assistenza tal-imġarrbin, u jikkonsagra lilu nnifsu, b'ruħu u b'ġismu, għal qadi ta' dawn in-nies fil-bżonn u jwettaq magħhom kull opra ta' ħniena li tkun meħtieġa. Dan kien l-uniku ħsieb li kien jimla lil moħħu, l-unika kilba li kienet timla lil qalbu.

Mar fuq martu u fetaħ qalbu magħha filwaqt li talabha l-barka tagħha biex jitlaq fejn imexxih il-Mulej u lilha talabha bil-ħniena biex jibqa' fil-kastell. Iżda l-mara fidila mimlija mħabba għalih weġbitu ċar u tond u determinata: "Le, dan ma jkun qatt, għażiż tiegħi, kif jien kont miegħek fil-ġranet sbieħ tal-prosperità u l-kuntentizza, issa huwa d-dover tiegħi, u jien determinata li nibqa' nwettqu fil-futur, fil-ġranet ta' tbatija. Il-Mulej jieqaf miegħi biex jassistini f'din id-determinazzjoni li nsegwik fil-ħajja ta' penitenza bi tpattija għad-dnub il-kbir, li jien irrid inpatti għalih ukoll flimkien miegħek."[10]

Kliem sabiħ, den verament ta' mara mimlija mħabba għal żewġha. Miftehmin dwar dan, il-miżżewġin biegħu kulma kellhom, qasmu kollox għall-karità, billi taw elemożina għall-foqra, taw għajnuniet lill-istituzzjonijiet karitatevoli, u ħallew ukoll xi legati biex jibqa' jsir talb għall-ġenituri mejtin. Hekk meħlusa minn kull rabta ma' din id-dinja, telqulha għal għonq it-triq bħala żewġ penitenti pellegrini lejn imkejjen 'il bogħod minn hemmhekk. Iżda fejn se jmorru, u fejn se jkun il-post tat-tpattija tagħhom?



*Pittura li tinsab fil-Knisja ta' San Giovanni f'Rocca San Zenone, Terni. Sa xi snin ilu l-qaddis li jidher fuq ix-xellug kienu jaħsbuh San Bavone. Iżda studji ikonografiċi li saru kkonfermaw li huwa San Ġiljan Ospitalier.*

**KAPITLU XII**

Mit-tifkiriet li baqa' nafu b'ċertezza li din il-koppja, fl-isem qaddis ta' Alla, wettqu vjaġġi twal u fattikużi; għaddew mill-muntanji Alpini, boskijiet imbiegħda, u widien fondi u niedja. Nafu li b'rassenjazzjoni sħiħa, anzi b'ferħ u b'sens ta' radd il-ħajr lill-Mulej, issaportew ċaħdiet u diffikultajiet ta' kull ġeneru; ġuħ u għatx, sħana u bard, u saħansitra umiljazzjonijiet u insulti. Raqdu kemm-il darba fuq l-art kiesħa, jew inkella kienu jsibu xi għorfa nofsha mikxufa. Kielu mill-ħaxix selvaġġ jew xi biċċa ħobż li kienu jakkwistaw b'elemożina. Halqhom xott kienu jiffriskawh bl-ilma mill-għejun. L-uniku sabar tagħhom kien il-ħsieb li kienu qed jimmortifikaw is-sensi tagħhom bi tpattija għall-ħtijiet imwettqa.

Dan il-ħsieb kien jgħinhom jissuperaw kull diffikultà li kienu jiltaqgħu magħha, kull battalja li kienu jikkumbattu mad-dinja u ma' ġisimhom stess, kull kumment sarkastiku jew tat-tmejjil li kienu jaqilgħu, kull insult li kienu jirċievu mingħand persuni bla qalb li kienu jiltaqgħu magħhom. Lil kull wieħed minn dawn pattewhielu billi talbu fuqu s-saħħa, il-maħfra u l-barka ta' Alla. Dawn il-fatti u oħrajn huma awtentiċi, u nista' ngħid li sibthom jien waqt li kont inqalleb u nfittex fl-arkivji u l-bibljoteki li żort.

Tifkiriet mill-ħajja tal-qaddis tagħna sibthom ukoll fil-kitbiet ta' Pietro Ribadeneria[11], li bejn wieħed u ieħor kiteb xi ħaġa hekk: "Wara li telqu minn darhom, Ġiljan u martu, jakkużaw lilhom infushom bid-diżgrazzja li kienet messithom, mingħajr ma jafu fejn kienu sejrin, fl-aħħar waslu viċin ta' xmara mexxejja u perikoluża fejn ħafna drabi kienu jaslu bosta persuni biex jippruvaw jaqsmuha ... Waqqfu hemmhekk, u Ġiljan irranġa dgħajsa mitluqa li sab fil-post u ntefa' jaqdi lil dawn in-nies, jgħinhom jaqsmu x-xmara min-naħa għall-oħra. Wettaq dan bi mħabba kbira u mingħajr ħlas." Iżda fejn kienet tinsab din ix-xmara u x'kien jisimha? La għandna tweġiba għal waħda u lanqas għall-oħra. Mill-kitbiet li sibna dwar il-qaddis, miktuba minn awturi magħrufa u akkreditati, bħal Sant'Antoninu, Arċisqof ta' Firenze[12], Jacopo di Voragine[13], Pietro dei Natali[14], Compagnoni[15] u oħrajn, nafu u nistgħu nkunu ċerti li Ġiljan, wara l-każ faħxi ta' parriċida li wettaq, wettaq erojkament atti ta' karità bħala penitenza u għen lil bosta li ltaqa' magħhom u kienu fil-bżonn. Hija fondata l-probabbiltà li jirreferu għaliha xi kittieba li huwa wasal sal-Italja, u waqaf fil-Marche, viċin belt antika li kienet magħrufa bħala Recina[16], biswit ix-xmara Potenza, xmara li toriġina f'Perugia qalb l-Appenini, tgħaddi minn Camerino, tidħol f'Macerata, tgħaddi minn San Severino biex tferra' ġewwa l-baħar Adrijatiku f'Port ir-Recanati.



*Midalja antika ta' San Ġiljan Ospitalier iffirmata Gibert SS-273.*

Irrispettivament mill-identità tal-post, nafu xorta waħda li Ġiljan tagħna ddedika ruħu interament biex jagħti l-għajnuna tiegħu lil bosta aħwa li riedu jaqsmu din ix-xmara perikoluża għal diversi bżonnijiet li kien ikollhom iwettqu n-naħa l-oħra, u dari, ħafna minnhom, kif diġà għidna kienu jew jitilfu ħajjithom, jew jekk jirnexxilhom jaqsmu kienu jaslu n-naħa l-oħra fi stat tal-biki. Lejl u nhar, f'kull ħin u kull mument huwa kien dejjem lest biex bid-dgħajsa tiegħu jġorr passiġġiera ta' kull kundizzjoni: iżda ħafna minnhom kienu jkunu fqar, xjuħ, nisa mċerċra u tfal mitlufa, li biex jiksbu l-għajxien tagħhom ta' kuljum kienu jeħtieġu li jaqsmu 'l hemm u 'l hawn minn din ix-xmara. Dawn kollha, li kieku ma kienx għal San Ġiljan, kien ikollhom jipperikolaw saħħithom u saħansitra ħajjithom fuq din ix-xmara. Ma nistagħġbux għalhekk li dawn in-nies fqajra kienu jipprovaw juru r-rikkonoxximent tagħhom lejn dan il-benefattur b'diversi modi, u ma nistagħbux lanqas li kienu jsejħulu "anġlu tal-karità" mibgħut mis-sema biex isabbarhom u jeħlishom minn tant diffikultajiet.

## NOTA TAL-GHELUQ TAT-TIENI PARTI

Nieqfu hawn mit-traduzzjoni tagħna ta' dan ir-rakkont miktub minn P. Martino Mannelli. Nerġa' ntenni li t-traduzzjoni li qed nagħmel jien għall-finijiet ta' din is-sensiela ta' artiklu mhijiex waħda mirquma u letterarja kif jixraq lill-awtur imsemmi, iżda hija waħda li l-għan tagħha hu biss li nifhmu kif l-imsemmi jirrakkonta l-ħajja tal-qaddis tagħna biex inkunu nistgħu nqabbluha ma' rakkonti oħra li semmejna u tkellimna dwarhom iktar kmieni f'din is-sensiela li issa waslet fl-għaxar parti tagħha. Infakkar li din it-traduzzjoni bdejniha fl-edizzjoni tas-sena l-oħra, u tkun konkluża fl-edizzjoni tas-sena d-dieħla, għall-okkażjoni sabiħa tal-125 sena mill-miġja fostna tal-vara sabiħa u artistika ta' San Ġiljan.

**Riferenzi**

[1] Sintendi, għalkemm l-awtur ma jispeċifikax, irridu nifhmu li l-ġenituri pellegrini ma kinux jafu li waslu quddiem il-kastell ta' San Ġiljan. L-awtur qed jiżvela l-identità tal-post għall-benefiċċju tagħna l-qarrejja.

[2] Ikollna nammettu li minn din ma tantx baqagħlna llum, hux tassew?

[3] Nistgħu nifhmu kif il-mara ta' Ġiljan irnexxielha tagħraf il-ġenituri tiegħu bla tbatija meta wieħed jikkunsidra li dak li qalilha Ġiljan fuqhom u fuq il-ġrajja li laqtithom żgur li kien indikattiv biżżejjed għaliha biex setgħet tagħmel dan.

[4] L-awtur hawnhekk ma jagħmilhiex ċara li l-individwu li iltaqa' miegħu Ġiljan kien fil-fatt 'ħabib' li kien jafu sew u li kien 'jgħir għall-mara tiegħu', kif naqraw f'rakkonti oħra. Iżda iktar 'il quddiem jgħid li kien ipprova jittanta lil din il-mara hu stess, u hi rrifjutatu.

[5] Interessanti kif jagħlaq dan il-kapitlu. L-awtur wara li jirrakkonta l-fatt idur, l-ewwel lejna l-qarrejja biex jaċċerta ruħu li aħna nikkundannaw minnufih aġir bħal dan, imbagħad idur lejn dak li qed iwettaq dan il-ħażen u jwiddbu kemm huma koroh il-konsegwenzi ta' azzjoni bħal din, quddiem Alla. Jidher ċar hawnhekk, aktar minn qatt qabel, u aktar minn kull rakkont tal-ħajja ta' San Ġiljan li ltqajna magħhom tul din is-sensiela, kemm l-għan ewlieni ta' rakkonti bħal dawn huwa dejjem it-tagħlim reliġjuż, it-tagħlim morali.

[6] Naħseb kemm ilna li bdejna din is-sensiela dan ir-rakkont iwasslilna din ix-xena bl-iktar dettalji. L-awtur iġegħilna ngħixu emozzjonalment mument b'mument dak li ħass Ġiljan minn meta sema' bil-kalunja ta' dak il-mingħul sakemm wettaq id-delitt frott l-għira.

[7] Hawnhekk għandna, wkoll għall-ewwel darba, lil Ġiljan innifsu, jistqarr id-dnub doppju tiegħu, dak tal-parriċidju u dak tal-għira, jekk l-ewwel wieħed ma kienx intenzjonat, it-tieni kien frott in-nuqqas ta' kontroll fuq is-sentimenti u fuq il-menti. L-istqarrija tad-dnub hija importanti ħafna f'dan il-kuntest għax hija proprju l-bidu tal-proċess li mill-indiema jwassal għall-maħfra. Li tammetti li dnibt, mingħajr ma tinħeba wara subgħajk, huwa l-ewwel pass, u huwa pass importanti ħafna.

[8] Wieħed ma jistax ma jinnotax l-istil paniġerista li jaddotta l-awtur li jfittex li joħroġ l-aqwa elementi fil-karattru Kristjan tal-qaddis tagħna, li anke meta jmiss il-qiegħ jagħraf kif jerġa' jqum fuq saqajh u jaqbad it-triq, li kif se naraw iktar 'il quddiem, twasslu għas-salvazzjoni.

[9] Id-diskors huwa dejjem wieħed li jaspira għas-salvazzjoni. Il-bniedem tal-fidi, bħalma kien Ġiljan - u għalhekk il-Knisja għażlitu biex tgħollih fuq l-altari tagħna bħala qaddis li jista' jagħtina eżempju – ma jiddisprax, ma jaħsibx fuq l-infern li jista' jirbħu, iżda fuq il-ġenna li b'għemilu, bi ndiema sinċiera, bi tpattija xierqa permezz tas-sagrifiċċju u l-penitenza, jista' jirbaħ. Ma naraw fl-ebda ħin id-dubbju dwar it-telfien ta' ruħu, iżda naraw f'Ġiljan il-ħeġġa, id-determinazzjoni li jrid jasal biex jerġa jiltaqa' mal-ġenituri tiegħu fil-ġenna u jgawdi magħhom il-ħajja ta' dejjem.

[10] Kif kellna l-okkażjoni naraw matul din is-sensiela, mhux l-awturi kollha jaqblu dwar il-fatt jekk il-mara ta' Ġiljan akkumpanjatux fil-ħajja penitenzjari tiegħu. Ċertament li din il-verżjoni, bħal oħrajn li diġà ltqajna magħhom, hija l-iktar waħda li tagħmel sens fid-dawl tar-relazzjoni ferm tajba li nafu li kien hemm bejn it-tnejn. Hawnhekk naraw il-qofol taż-żwieġ Nisrani li jaqsam it-tajjeb u l-ħażin, id-deni u l-mard, il-ferħ u n-niket.

[11] Pedro de Ribadeneira kien patri Ġiżwita li twieled f'Toledo fl-1526 u miet f'Madrid fl-1611. Kien jaqdi d-dmirijiet ekkleżjastiċi tiegħu biswit il-Kardinal Alessandro Farnese f'Ruma, iżda telaq dan ix-xogħol biex mar jingħaqad ma' San Injazju ta' Loyola, li batu jistudja Parigi u f'Padova. Ordna saċerdot fl-1553 u ntbagħat il-Fjandra (pajjiż il-qaddis tagħna) fejn wettaq u xerred il-ħidma tal-Kumpanija ta' Ġesù (li

nafuhom bħala 'l-Ġiżwiti'). Wara hemm ħadem ukoll fi Spanja. Kiteb trattat fuq ir-Reliġjon biex jikkuntrarja lil Macchiavelli. Tana wkoll l-ewwel Ħajja ta' Sant'Injazju ta' Loyola. Li jinteressa lilna hawnhekk, kiteb il-*Flos Sanctorum o libro de las vidas de los santos* dwar il-ħajja tal-qaddis, u għalhekk nassumu li l-awtur hawnhekk qed jirreferi għal dan ix-xogħol.

[12] Sant'Antonino, Arċisqof ta' Firenze kien Dumnikan li twieled Firenze fl-1389 bħala Antonino Pierozzi u miet f'Montughi fl-1459. Kien espert tal-liġi kanonika u kiteb dwar it-teoloġija morali, l-axxetika u l-istorja. Ħadem qatigħ kontra l-familja Medici f'Firenze. Kien kanonizzat fl-1523 u dikjarat duttur tal-Knisja fl-1960.

[13] Jacopo di Voragine semmejnieh kemm-il darba f'din is-sensiela għax tana l-famuża *Legenda Aurea (Golden Legend)* li tinkludi l-istorja tal-qaddis tagħna.

[14] Pietro di Natali jew Pietro Ungarello di Marco de' Natali, magħruf ukoll bħala Petrus de Natalibus, kien Isqof Taljan li miet lejn l-1400 u ħallielna kollezzjoni ta' Ħajjiet ta' qaddisin fi tnax-il volum, ppreżentati skont il-kalendarju tal-Knisja.

[15] Pompeo Compagnoni, Isqof, twieled fl-1740 u miet fl-1774. Kien ġej minn familja fewdali, fost l-iktar importanti fin-nobbiltà ta' Macerata. Irċieva l-edukazzjoni tiegħu f'Kulleġġ tal-Ġiżwiti u kiseb il-lawrja fl-Università ta' Macerata fil-filosofija u fit-teoloġija.

[16] L-awtur jagħtina din in-nota twila dwar RECINA: Din il-belt antika kienet tissejjaħ il-belt ta' San Ġiljan. Dan jgħin ħafna biex nifhu d-diskors dwar il-mawra possibbli ta' dan il-qaddis fl-Italja, u tal-għamara tiegħu f'din il-belt fejn ukoll miet u kien midfun, u fejn ukoll ftit wara beda jiġi vvenerat b'kult reliġjuż mill-fidili tal-post, u mnejn eventwalment kienu trasferiti r-relikwi tiegħu lejn il-Katidral ta' Macerata. Naqra fil-fatt fir-Reggia Picena ta' Pompeo Compagnoni li "ġew trasferiti (lejn Macerata) l-affarijiet sagri u profani li jfakkru lil dan il-qaddis, imsejjaħ San Ġiljan, patrun tal-belt antika ta' Recina."

Hemm tradizzjoni antika dwar ir-relikwa tad-driegħ ta' San Ġiljan li kienet midfuna bejn iż-żewġ kolonni tal-altar maġġur. Dan il-fatt seħħ mirakolożament fl-1442, kif jirriżulta minn xhieda awtentika li teżisti fl-Arkivju tal-Katidral ta' Macerata, liema dokument iġib il-firma tal-imsemmi: "*Universis ecc... Nicolaus de Astis de Forlivio Episcopus Ecclesiae Maceratensis salutem in Domino sempiternam. Natum facimus vobis per presentem, qualiter anno a Nativitate D.N.J.C. 1442, die vero sexto mensis Januarii, post Missarum solennia per nos in Pontificalibus* eċċ." Il-kumplament tad-dokument għall-kumdità tal-qarrejja tagħna se nġibu bil-lingwa vernakulari. "...Avviċinani ċertu Filippo di Niccolò, ċittadin rispettabbli u stmat, raġel ta' età sabiħa u ta' fama mill-aqwa, u dan qalli u assikurani li kien ilu li sama' mingħand ċittadin ieħor rispettabbli, li issa kien mar jistrieħ fil-ħajja ta' dejjem, li r-relikwa tad-driegħ ta' San Ġiljan kienet tinsab midfuna bejn iż-żewġ kolonni quddiem l-altar maġġur. Aħna mingħajr ma ħlejna ħin, filwaqt li l-kleru kollu beda jkanta l-*Veni Creator* u l-Litanija tal-Qaddisin, bdejna niskavaw fil-post indikat minn dan in-nobbli ċittadin, u fl-aħħar għall-glorja ta' Alla Omnipotenti, u ta' Ommu l-Iktar Imbierka, il-Verġni Marija, u tal-glorjuż San Ġiljan, sibna kaxxa żgħira, li b'devozzjoni u riverenza tellagħnieha b'idejna stess u poġġejnieha fuq l-altar maġġur. Meta ftaħnieha quddiem il-poplu miġbur, tellajna mill-imsemmija kaxxa pissidi li minnu ħriġna parċmina ferm antika li fuqha qrajna din l-iskrizzjoni: "*Hoc est residuum Brachi Sancti Juliani, qui patrem et matrem interfecit*". Urejna din ir-relikwa qaddisa lill-poplu miġbur hemmhekk u erġajna niżżilnieha fil-kontenitur, li qegħdnieh mill-ġdid fil-kaxxa u din ħadnieha magħna fis-sagristija. Imbagħad erfajnieha f'senduq iddekorat fil-preżenza tal-Potestà l-kbir, tas-Sinjuri Prijuri, tal-Venerabbli Kapitlu u tad-dinjitarji prinċipali tal-kleru kollu. Għalaqna s-senduq b'żewġt iċwievet, u tajna waħda minnhom lil Potestà tal-Belt, u l-oħra lill-Kapitlu tal-Katidral. 'Il quddiem fi ħsiebna, hekk Alla jrid, nerfgħu dan id-driegħ u fdalijiet oħra tal-qaddis f'teka tal-fidda ngastata b'ħaġar prezzjuż u rikkezzi oħra, sabiex din ir-relikwa tkun merfugħa bl-akbar sigurtà u dekor li jixirqilha. Għandna l-intenzjoni wkoll li nwaqqfu altar lil qaddis tagħna, biex fih inqiegħdu r-relikwi tiegħu, sabiex kull min irid ikun jista' jiġi jżur din il-knisja u jivvenera din ir-relikwa b'devozzjoni kbira u bi glorja lil Alla Omnipotenti u lill-glorjuż San Ġiljan, li huwa ċertament il-Patrun u l-Gwardjan ta' din il-belt, u b'hekk nassiguraw li fil-futur huwa se jibqa' jinterċedi għalina kemm għas-saħħa fiżika tagħna kif ukoll għas-saħħa ta' ruħna. U biex tkompli tikber id-devozzjoni u l-imħabba tal-poplu għażiż tagħna, fuq parir tal-kunsill tal-Venerabbli Kapitlu tagħna, nixtiequ u nordnaw li ta' kull sena, minn issa u għal dejjem, f'jum l-Epifanija, fil-Katidral tagħna ta' San Ġiljan ta' Macerata, tkun iċċelebrata sollennement il-festa tas-sejbien ta' dawn ir-relikwi qaddisa. *In quorum perpetia, fidem,* eċċ... – *Ego, Nicolaus de Astis, Dei gratiae Episcopus, eċċ. – Manu propria.*"